MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 260/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Mercieca**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Mercieca talli fit-28 ta' Awissu, 2002 ghal habta tal-5.30 pm gewwa Bahar ic-Caghaq (**1**) waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' ghasafar fuq l-art kien ghall-kacca u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-ghamla Beretta numru tas-serje E-03786/00 u munizzjon bi ksur tar-regolament 9(1)(a) ta' l-Avviz Legali 146/93; (**2**) talli fl-istess data, hin, post u cirkustanzi waqt li kien gewwa vettura KAB-148 kellu l-istess arma kkargata bi ksur tar-regolament 9(4) tal-imsemmi A.L.; (**3**) talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi barra mill-istagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkacca

jew ipprova jikkacca ghal xi ghasfur (egretti bojod) li mhux imsemmi fl-iSkeda I li tinsab ma' l-imsemmi A.L., u dan bi ksur tar-regolament 9(1)(b) ta' l-istess A.L.; kif ukoll talli (**4**) fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu [senter] b'comb ta' daqs ta' aktar minn 3.2 mm f'dijamentru u dan bi ksur tar-regolament 19 ta' l-A.L. 146/93; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska ta' l-oggetti ezibiti kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji tal-kacca u l-insib ta' l-imputat ghall-periodu ta' mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha l-ewwel qorti sabet lill-imsemmi Christopher Mercieca mhux hati skond it-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, izda sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, ikkundannatu multa ta' tlett mitt lira (Lm300), ordnat il-konfiska ta' l-arma u ssospendiet il-licenzji kollha tal-kacca ta' l-istss Mercieca ghal zmien tlett snin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Christopher Mercieca, minnu ppresentat fil-31 ta' Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi; semghet lid-difensuri tal-partijiet kemm fl-udjenza ta' l-24 ta' Jannar, 2003 kif ukoll fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Jigi precizat qabel xejn li l-appellant mhux qed jikkontesta r-raba' imputazzjoni. In fatti, it-talba fir-rikors tieghu hija sabiex din il-Qorti tikkonferma is-sentenza "in kwantu r-raba' akkuza filwaqt illi tirrevokaha u thassarha in kwantu l-ewwel u t-tielet akkuza".

L-ewwel u tieni aggravji ta' l-appellant jistghu ghall-konvenjenza jigu kkunsidrati flimkien. L-appellant bazikament jikkontendi li ma kienx hemm provi li kien hu li spara xi tiri b'arma tan-nar jew li spara fuq l-egretti bojod. Kif fisser l-Avukat Dott. Angelo Farrugia fit-trattazzjoni tieghu tal-lum, essenzjalment l-aggravju ta' l-appellant hu li hu qatt ma gie identifikat bhala l-persuna li sparat jew li sparat fuq l-egretti. Skond l-appellant kullma gie pruvat

kien li nstemghu xi tiri ta' arma tan-nar u l-pulizija mill-boghod u permezz ta' tromba raw persuna diehla f'vettura.

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa il-provi, hi tal-ferma konvinzjoni li l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati, u f'dan is-sens tikkondividi pienament il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti meta din qalet li *"il-provi juru minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni li l-imputat…kien qieghed jikkaccja u effettivament spara fuq Egretti bojod (ghasfur protett) f'stagun maghluq; oltre spara b'comb ta' dijamentru aktar minn 3.2 mm"*. Mill-provi in fatti jirrizulta li kif appena z-zewg pulizija (PC 305 Alfred Gauci u PC 1093 James Cardona) li kienu qed itellghu id-*dinghy* raw l-Egretti u semghu xi tiri ta' senter gej min-naha l-ohra tal-bajja huma mal-ewwel uzaw it-tromba, u permezz taghha lemhu persuna bis-senter f'idejha f'atteggjament ta' kacca. Din kienet l-unika persuna li lemhu fid-direzzjoni ta' mnejn semghu it-tiri. Din il-persuna zammewha taht ghajnejhom u rawha diehla f'vettura. Huma baqghu isegwu din il-vettura sakemm din giet intercettata minn zewg pulizija ohra (PC 389 Saviour Bonnici u PC 882 John Falzon). Dawn iz-zewg pulizija l-ohra meta staqsew lill-appellant (li kien qed isuq il-vettura intercettata, u mieghu kellu tfajla) jekk kellux xi senter, ghall-ewwel qalilhom li le; huma fittxew fil-vettura u taht is-*seat* ta' wara sabu senter li ma kienx fil-ghata tieghu, kellu skartocc wiehed fih, kien ghadu shun u kien ghad ghandu r-riha tal-porvli. Konfrontat b'dan kollu, l-appellant ammetta ma' dawn iz-zewg pulizija – jigifieri ma' Bonnici u ma' Cardona – li kien spara ghax tilef rasu peress li qatt qabel ma kien spara fuq tajr bhal dak. Effettivament ma jirrizultax li nlaqtet xi tajra. Ghalhekk dawn iz-zewg aggravji qed jigu respinti u u dan peress li hemm il-konkatenazzjoni mehtiega bejn l-egretti, l-isparar u l-appellant li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni dwar dak li effettivament sehh.

It-tielet aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li huwa jqis li kienet wahda eccessiva. Huwa jadduci in mitigazzjoni l-eta` zghira tieghu ta' tmintax-il sena. Il-Qorti pero` tara li jekk l-appellant ta' tmintax-il sena hu diga

propens li jikser il-ligi billi mhux biss jikkaccja fl-istagun maghluq izda anke jispara fuq tajr protett, hemm bzonn li jigi applikat minn issa u bla mezzi termini il-fren tal-gustizzja biex huwa ma jahsibx li jista’ jikser il-ligi b’impunita`. Ghalhekk ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ sospensjoni ta’ tlett snin jibda jiddekorri mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------